**Qorti tal-Appell Kriminali**

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru. 398/2017

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Gona Caruana**
**Salvu Caruana**

Illum, 31 ta' Lulju, 2018

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti Gona Caruana detentur tal-karta ta' l-identita' numru 338048M u Salvu Caruana detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 993649M akkuzati quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta), bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Xhur qabel is-6 ta' Novembru, 2014, bla hsieb li jisirqu jew li jghamlu hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercitaw jedd li jippretendu li ghandhom, gieghelu bl-awtorita' taghhom infushom, lil xi had ihallas dejn, jew jsegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew fixklu lil xi hadd cioe' lil Victor Caruana u/jew persuni ohra fil-pussess ta' hwejjighom f'ghalqa maghufa raba' tal-isqof li tinsab fi Triq il-Gudja, Hal Luqa u/jew f'dawn il-gzejjer jew hallew bini jew kissru l-mixi tal-ilma ghalihom, jew b'xi mod iehor, kontra l-ligi, indahlu fi hwejjighom.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-3 ta' Ottubru, 2017 fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali, ghar-ragunijiet premessi sabet lill-imputati Gona Caruana u Salvu Caruana hatja tal-imputazzjoniji ta' *ragion fattasi*; izda peress li fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz hija tal-fehma li jezistu l-elementi rikjesti mill-Ligi taht l-artikoli 7(2) u 22(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tenut kont tax-xorta tar-reat u c-cirkostanzi li sehhew fih, il-Qorti tqis li mhux spedjenti li twahhal piena, izda li ghandhom jigu applikati d-dispozizzjonijiet tal-istess Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, u ghalhekk il-Qorti qeghda taghmel ordni li biha tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlux reat iehor matul il-perjodu ta' xahrejn mid-data ta' llum.

Ai termini tal-artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti fissret lill-hatja bi kliem car u li jinftiehem l-effetti tal-ordni ghall-liberazzjoni kondizzjonata fis-sens li jekk jaghmlu reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni kondizzjonata, huma jkunu jistghu jinghataw sentenza ghar-reat originali.

Inoltre il-Qorti wara li rat li ai termini tal-artikolu 85(2) tal-Kodici Kriminali, peress li l-ghemil tal-hatja wassal ghalhiex il-parte civile baghtiet spoll, il-Qorti qeghda tapplika id-dispozizzjonijiet tas-subartikolu 377(5) tal-Kodici Kriminali sabiex tassigura li l-parte civile li batiet l-ispoll titqieghed ghal kollox fl-istat ta' qabel ma batiet l-ispoll u ghalhekk qeghda tordna lill-hatja sabiex fdi zmien xahar, a spejjez taghhom, inehhu kwalunkwe inkonvenjent talvolta prezenti fil-porzjon raba uzat mill-parte civile.

Rat ir-rikors tal-appellanti Gona u Salvu Caruana minnhom pprezentat fit-12 ta' Ottubru, 2017 fejn talbu lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellate fis-sens li filwaqt li ssib lill-istess Gona Caruana u Salvu Caruana mhux hatja tal-akkuza migjuba fil-konfront taghhom, tilliberhom b'mod assolut mill-istess akkuza.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

1. Illi l-ewwel aggravju jirrigwarda l-rnankanza ta provi fuq l-elementi kollha tar-reat tar-*ragion fattasi*.

   Illi l-ewwel Onorabbli Qorti ghamlet espozizzjoni mill-aktar dettaijata tal-istitut tar-*ragion fattasi* skond kif interpretat storikament mill-guristi Taljani. Is-sentenza taghmel referenza ampja kemm ghad-dicitura tad-dispozizzjonijiet tal-ligi Taljana kif ukoll ghal interpretazzjonijiet moghtija mill-kittieba Taljani.

   Illi ghalkemm is-sentenza hawn appellata tammetti li hemm distinjoni bejn l-Artikolu 85 fil-Kodici Kriminali ta' Malta u dak korrispondenti fil-ligi Taljana, din tonqos milli tirravviza distinzjoni ohra krucjali bejn id-dicitura fit-test tal-ligi Maltija u d-dicitura fit-testijiet korrispondenti fil-ligi Taljana.

   Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ticcita t-test tal-Artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta Malta li in succint jghid *"Kull min bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu ... ifixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu, ... jew b'xi mod iehor, kontra l-ligi, jindahal fi hwejjeg haddiehor …"* (sottolinear tal-esponenti).

   Imbaghad tghaddi biex tqabbel din id-dispozizzjoni tal-ligi Maltija mal-**Artikolu 168 tal-Leggi Penali del Codice del Regno delle Due Sicilie** li jghid:

   "Chiunque senza oggetto di furto o di recar danno per ingiuria, ma solamente per l'esercizio di un preteso diritto, … o disturbi un'altrui possesso …"
   U tafferma li dawn iz-zewg dispozizzjonijiet tal-ligi huma identici.

   Illi l-Ewwel Onorabbli Qorti tinnota li diversi sentenzi Maltin jekwivalu l-**Artikolu 85 tal-Kap 9** tal-ligi Maltija mal-kuncett tar-*ragion fattasi* fil-ligi Taljana minkejja li t-test tal-ligi relattiva, allura **Artikolu 286** tal-Kodici Sabaudo, jghid li r-ragionfattasi hi kompjuta meta:

   "*Chiunque con violenze verso le personc, ed al solo oggetto di esercitare un preteso diritto, ... turba l'altrui possesso ….*"

   Illi ghalkemm il-ligi Taljana tmur oltre u tirrikjedi l-vjolenza fizika biex jissussisti r-reat tar-ragionfattasi, certi sentenzi Maltin xorta sabu konfort fil-guristi Taljani fl-interpretazzjoni ta x'inhi *ragion fattasi*. Pero' d-distinzjoni bejn il-ligi Maltija u dik Taljana ma tinsabx biss fdan l-element tal-vjolenza, imma wkoll fil-kliem "hwejgu' u "hwejjeg haddiehor". Meta hawn Malta ninterpretaw l-Artikolu 85

tal-Kodici Kriminali bl-istess mod ta kif tigi interpretata r-*ragion fattasi* fil-ligi Taljana, tkun qed issir ingustizzja kemm mal-legislatur Malti li fil-ligi holoq rewkizit iehor, kif ukoll ma' min j instab hati wara li dan ir-rekwizit j igi skartat.

Kemm jekk nipparagonaw it-test Malti ma' dak tal-ligi Taljana, imma anke jekk nipparagonaw it-test Malti ma' dak tal-Codice del Regno Delle Due Sicilie, it-test Malti kien ikun identiku kieku intuza l-kliem "*ifixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejjeg*". Il-fatt li fit-test Malti biss tintuza l-kelma "hwejgu," juri bic-car li l-legislatur Malti ried imur oltre l-kuncett ta' *ragion fattasi* fi-Italja: il-kelma "hwejgu" hija taqsira tal-kliem "hwejjeg tieghu". L-introduzzjoni tal-aggettiv possessiv "tieghu" tohloq rekwizit iehor fil-ligi Maltija, liema rekwizit espress fil-ligi Maltija ma jistax sempliciment jigi skartat daqslikieku ma jezistix, bhal ma hu l-kaz fil-ligi Taljana.

Illi dan ifisser li l-**Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali** ma jissodisfax ruhu b'pussess biss, bhala ma jissodisfa l-ligi civili tal-ispoll u bhal ma jissosdisfa l-ligi Taljana tar-*ragion fattasi*; fl-Artikolu 85 jehtieg li l-pussess ikun ta xi dritt li l-kwerelant realment ikollu. Huwa b'hekk biss li tigi sodisfatta d-dicitura "*pussess ta' hwejgu*"

Kien proprju ghalhekk li din l-Onorabbli tal-Appell, kif citata minn din l-istess sentenza hawn appellata, innotat li ...

"Din l-azzjoni bazata fuq l-**Artikolu 85 tal-Kap 9** tal-Ligijiet ta' Malta hija speci ta zona grigja bejn il-kamp civili u dak kriminali, tant li Sir Andrew Jameson meta kien qed jigi abbozzat il-Kodici Penali Malti kien osserva fir-Rapport tieghu fir-rigward li '*It is doubtful whether acts of this kind would not be better left to the operation of the ordinary civil remedies …* "

Illi hu kemm hu simili l-Artikolu 85 ghall-kuncett ta' *ragion fattasi* fi-Itaija, il-legislatur Malti ried li l-prosekuzzjoni ggib prova li l-parte civile mhux biss kellha pussess ta xi haga tkun xi tkun, izda dik ix-xi haga kellha tkun "*hwejgu*". U la dan huwa rekwizit li minghajru r-reat mhuwiex konsolidat, li l-oggett possedut mill-kwerelant huwa "*hwejgu*" irid jigi pruvat mill-prosekuzzjoni lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mhux talli ma ngibitx din il-prova kontra l-esponenti, talli l-provi juru li bil-kontra kien il-parte civile Victor Caruana li ha l-ligi b'idejh meta ghodwa minnhom qabbad nies biex imorru bl-ingenji fir-raba imqabbla lill-esponenti u huthom halli jahartu xi bicca mir-raba imqabbla lill-esponenti u huthom.

2. Illi t-tieni aggravju jirreferi ghall-fatt li l-Ewwel Onorabbli Qorti, wara li ghamlet analizi dettaijata tal-istitut tar-*ragion fattasi* ghaddiet ghall-fatti mertu ta' dan il-kaz u minghajr ma ddeliberat fuq x'qal il-parte civile Victor Caruana u x'qal l-imputat Gona Caruana, donnha haditha '*for granted*" li l-hamrija bil-gebel li gab

fir-raba' Gona Caruana verament tpoggiet fuq art li kien jahdimha Victor Caruana. L-Ewwel Qorti ma ddeliberat xejn fuq il-fatt li fil-waqt li l-attur allega bix-xhieda tieghu li l-hamrija bil-gebel tpoggiet fuq art mahduma minnu, Gona Caruana xhed li din il-hamrija bil-gebel tpoggiet f'parti li ma tinhadimx ghax hemm il-blat fil-wicc, oltre li xhed li l-art mahduma murija fir-ritratti esebiti minn Victor Caruana kienet art mahduma minnu (Gona Caruana). Gona Caruana cahad li waqqaf lill Victor Caruana milli jaghmel xi haga li kien ilu jaghmel. Jekk waqqaf lill-haddiem milli jidhol minn fuq l-ghalqa tieghu bl-ingenji dik kienet l-ewwel darba li sar tali attentat bl-ingenji; u jekk Gona Caruana gab munzel hamrija biex jogholli l-livell tal-istess hamrija, Victor Caruana ma jahdimx dik l-art li fuqha tpogga l-munzell. U allura anqas hawn ma qatt seta' jigi konkluz li Victor gie imfixkel f'xi haga, kif inqas u inqas seta' jigi konkluz li gie kommess spoll (okkorrenza li tista' tigi dikjarata biss minn Qorti ta' kompetenza civili), bhal ma ddikjarat is-sentenza hawn appellate fl-ahhar paragrafu taghha.

3. Illi bhala tielet aggravju, l-Ewwel Onorabbli Qorti ma stabbilietx x'tip ta' *ragion fattasi* gie kommess. *Ragion fattasi* tista' tiehu hafna u hafna forom, u allura kellu jigi stabbilit liema kienu l-atti kommessi mill-esponenti li kienu jaqghu fl-inkwadratura ta' *ragion fattasi*. Huwa fatt li ghal skopijiet ta rimedju, fl-ahhar paragrafu tas-sentenza hawn appellata l-Ewwel Qorti irravvizat "*spoll*", forsi b'referenza ghall-fatt li Gona Caruana gab munzel hamrija bil-gebel fir-raba' tal-Isqof. Pero' t-termini uzati xorta huma vagi wisq.

Huwa pacifiku li biex tissussisti r-*ragion fattasi*, bhala minimu jehtieg jigi ppruvat li gie turbat xi status quo, pero' hawnhekk ma giex stabbilit liema status quo kien gie turbat.

Kif inghad, l-unika indikazzjoni ta x'kellha f'mohhha l-Ewwel Qorti tinsab fl-ahhar paragrafu, pero' fil-waqt li l-Qorti tordna li r-raba' jigi ripristinat ghal kif kien qabel, ma tghidx x'ghandu jsir precizament biex jigi ripristinat ghal dak li allura suppost kien l-istatus quo ante. Tghid biss li l-esponenti qed jigu ordnati biex "fi zmien xahar m'illum, a spejjez taghhom, inehhu kwalunkwe inkonvenjent talvolta prezenti fil-porzjon raba' uzat mill-parte civile.' Tant baqa vag x'kienu l-atti li suppost ammontaw ghal *ragion fattasi*, li anke r-rimedju kellu jibqa' vag. Tali ordni vaga ta' x'ghandu jsir bhala rimedju facilment taghti lok ghal abbuz: di fatti permezz ta ittra datata 10 ta Ottubru 2017, il-parte civile Victor Caruana diga' baghat jelenka x'suppost irid isir biex tigi esegwita din is-sentenza, u issa qed jippretendi li (i) l-esponenti issa jibdew jippermettu lilu jew lill-haddiema tieghu jidhlu u jghaddu minn fuq ir-raba' taghhom bit-tractor, (ii) titpogga linja gebel biex tiddimarka liema hija raba' taghhom minn dik tieghu, u (iii) jitnehhew il-munzelli ta hamrija b'xi gebel fihom!

Tenut dan kollu, bil-fors irid jigi konkluz li l-Ewwel Onorabbli Qorti, b'kull rispett, ma stabbilitx liema status quo gie turbat u kellu jigi protett, u fil-mankanza ta dan l-element hekk baziku fil-kuncett tar-*ragion fattasi*, l-esponenti ma jistghux jinstabu hatja taht l-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali.

4. Illi r-raba' aggravju johrog mill-fatt li ma giex pruvat il-mens rea necessarju biex jissussisti dan ir-reat kontemplat fi-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali. Is-sentenza hawn appellata stess korrettement tinnota li r-reat taht l-Artikolu 85 jissussisti biss jekk fost affarijiet ohra tigi pruvata "ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite l-process legali."

   Kieku l-esponenti marru jaghmlu xi haga li biha waqqfu xi haga li kienet ghaddejja, wiehed jasal li jghid li dawn setghu kienu jafu jew setghu jissuspettaw li dak l-oggeft kellu jitwaqqaf permezz ta ordni ta Qorti, pero' l-unici zewg atti li jista' jilmenta minnhom il-parte civile Victor Caruana huma li l-haddiema li huwa baghat biex jghaddu minn fuq ir-raba' tal-esponenti twaqqfu, u li gol-ghalqa ingiebu xi munzelli ta' hamrija. Victor Caruana ma nzammx milli jaghmel dak li verament kien jaghmel — jidhol bil-mixi sal-kamra li ha pussess taghha, bil-hamrija ta madwarha — kieku iva kien ikun twaqqaf minn xi haga li kienet ghaddejja. Pero' li jum fost l-ohrajn dan fettillu jrid jibghat haddiem bit-tractor minn fuq ir-raba' tal-esponenti, u twaqqaf, ebda pussess jew kontinwita' ma twaqqfet. Ma setax ikun mistenni li l-esponenti "kienu jafu li qed jiehdu b'idejhom dak li suppost jiehdu tramite process legali." Anke fejn jirrigwardaw il-munzelli tal-hamrija — min ser jghaddilu minn mohhu li ghandu bzonn process legali biex igib trakkijiet bil-hamrija biex ipoggihom fuq bicca art arida bil-blat fil-wicc li ma tinhadimx? Liema bniedem ragjonevoli huwa tenut jemmen, jew tal-inqas jissuspetta, li biex iwaqqaf lli xi hadd milli jidhol go daru ghandu l-ewwel jirrikorri ghal process gudizzjarju?

   Illi mhux talli l-prosekuzzjoni ma gabitx prova tal-mens rea hekk rikjesta mill-ligi, talli ghandu jirrizulta li l-esponenti ragonevoiment ikkonkludew li ma kien hemm xejn f'dak li ghamlu li kien jirrikjedi proceduri bil-Qorti.

5. Illi l-hames aggravju jirreferi ghaz-zmien li kienet ingiebet il-hamrija fir-raba' in kwistjoni. Il-munzelli tal-hamrija bil-gebel kienu ingiebu ir-raba' snin ilu, u dan l-att bl-ebda mod ma kellu jinkwadra fix-xilja ta "fix-xhur qabel is-6 ta Novembru. "*Meta Victor Caruana mar jaghmel rapport fis-6 ta' Novembru 2014, huwa kien urtat ghax ma kienx qed jithalla jibghat haddiem bit-tractor. Victor Caruana ma ghandu ebda servitu' li ttih id-dritt li jghaddi bi-ingenji minn fuq ir-raba' tal-esponenti, u ghalhekk twaqqfu l-haddiema. Pero' in rigward tal-hamrija, din kienet ilha li ngiebet snin, u ghalhekk fl-aghar ipotesi, bla pregudizzju ghall-aggravji precedenti, l-att allegat mill-parte civile sehh barra mill-inkwadratura tal-akkuza "fix-xhur qabel il-6 ta' Novembru 2014"*.

6. Illi s-sitt aggravju jirrigwarda l-ordni finali fejn wara li gie dikjarat li gie kommess spoll, l-esponenti gew ordanti jirreintegraw ir-raba' ghall-istat li kienet fih qabel. Fl-ewwel lok, kif inghad, mhux fil-kompetenza ta' gurisdizzjoni kriminali li tiddikjara li gie kommess spoll: ghandha tkun Qorti ta gurisdizzjoni Civili li tkun kompetenti tiddetermina jekk ikunx gie kommess spoll jew le. Jekk Qorti ta gurisdizzjoni Civili ssib li jkun gie kommess spoll, allura jkun jista' jiskatta s-subartikolu 85(2) u l-Qorti ta' gurisdizzjoni Kriminali taghti rimedju kontemplat taht is-sub-Artikolu 377(5) tal-Kodici Kriminali. Pero' l-Qorti ta kompetenza kriminali mhix kompetenti tiddikjara l-ispoll hi: kieku kellu jigi konsentit dan jinholoq precedent perikoluz fejn isir possibbli li att partikolari jigi meqjuz "spoll" minn Qorti ta kompetenza kriminali, u "mhux spoll" minn Qorti ta kompetenza civili jekk perezempju ma tigix intavolata l-kawza civili fi zmien xahrejn.

   Fit-tieni lok persuna ma tistax tigi ordnata tnehhi "kwalunkwe inkonvejent"— persuna assoggettata ghal xi ordni ghandha dritt tkun taf ezatt xinhu mistenni minnha. Jekk ma jkunx hemm qbli bejn il-parte civile u l-imputati liema hu l-inkonvenjent li ghandu jitnehha, min ser jinterpreta din id-dispozizzjoni tas-sentenza? Minn daqshekk il-parte civile diga' harget bl-interpretazzjoni taghha u qeghda sahansitra ssemmi affarijiet li imkien fil-kawza ma ssemmew.

7. Finalment, is-seba' aggravju ukoll jirreferi ghall-Ordni moghtija fl-ahhar paragrafu tas-sentenza. L-Ewwel Onorabbli Qorti segwiet dak li hu permess mis-subartikolu 85(2) tal-Kodici Kriminali u ghaddiet biex tat provvediment skont is-subartikolu 377(5). Pero' dan is-subartikolu 377(5) huwa applikabbli biss, u l-Qorti tista' taghti Ordni biss "fuq rikors f'dak is-sens mill-Pulizija f'kull zmien wara li persuna tkun instabet hatja ta' reat…."

   Hawnhekk ma gie intavolat ebda' rikors f'dan is-sens mill-Pulizija, u ghalhekk l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet pre-emptivaq u marret ultra petita u ultra vires. Ghalhekk bla pregudizzju ghall-aggravji precedent, fi kwalunkwe kaz l-Ordni tal-Ewwel Qorti moghtija fl-ahhar paragrafu ta-sentenza ghandha tigi mnehhija u revokata ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi fis-seda tad-19 ta Lulju 2018 id-difiza pprezentat certifikat tal-mewt tal-appellant Salvu Caruana u ghalhekk seduta stante l-Qorti iddikjarrat l-procediment kriminali fil-konfront tieghu estint u ordnat il-kontinwazzjoni tal-kaz fil-konfront tal-appellant l-iehor Goma Caruana.

Ikkunsidrat,

Illi fl-ewwel lok l-appellant isostni li l-ewwel Qorti ma gharfitx taghti spejgazzjoni tajba tal-ligi u dan ghaliex minkejja li ghamlet paragun ma-sistema Taljana, ma spjegatx fejn hi id-differenza u in oltre ma ratx li filwaqt li fil-ligi Taljana hu bizzejjed hekk tigi disturbat minn xi proprjeta' fis-sistema Maltija trid tkun il-proprjeta' tieghek.

Il-Qorti ghalhekk sejra *in primis* tispjega l-izvilupp storiku ta' dan ir-reat hawn Malta.

Ir-reat ta' *ragion fattasi* ilu jezisti fis-sistema legali taghna ghal-zmien twil. Fil-fatt nistghu sahansitra nsibu referenza ghal-dan ir-reat fil "*Lex Julia de vi privata*" u l-famuz digriet sussegwenti ta' Marco Antonino[1].

Ir-reat ta' *ragion fattasi* kien gie introdott fil-ligi nostrana bhala artikolu 70 fl-ewwel *draft* tal-kodici penali[2]. Kien provvediment li kien imsejjes fuq l-artikolu 168 tal-Kodici Naplitan jew *il Codice del Regno delle Due Sicilie* tal-1819. Naturalment ix-xelta sabiex nadottaw dan l-artikolu ta' *ragion fattasi* mill-*Codice del Regno delle Due Sicilie* induciena sabiex ikollna l-elementi kostituttivi tar-reat li hu differenti minn kodicijiet penali Taljani. Tant hu hekk, li minkejja li l-artikolu taghna ma jirrikjedix il-vjolenza bhala element essenzjali, l-artikolu tal-kodici Taljan jirrikjedi l-uzu tal-vjolenza fuq l-

[1] Ghall tgharif storiku vide A Regina, *L'Esercizio Arbitrario delle Proprie Ragioni*, (Cedam, Padova 1979) F Carrara, *Programma del Corso di Diritto Criminale*, Volume V-Parte Speciale, (7th edn Libreria Fratelli Cammelli Editori, Prato 1899) 539.

[2] Leggi Criminali di Malta e delle sue Dipendenze 1842

proprjeta'[3] u vjolenza jew theddid fuq il-persuna[4] ghall-kostituzzjoni tar-reat. Id-differenza hija rizultat mid-differenza fis-sors.

Fil-fatt **Sir Andrew Jameson**[5] ma kienx cert jekk kellux inehhi dan ir-reat meta kien qed jigi promulgat il-kodici u jipprovdi s-segwenti:-

*"It is doubtful whether acts of this kind would not be better left to the operation of the ordinary civil remedies by way of interdict or claims of damages, but I have not thought it necessary to recommend the omission of the article, it having been approved of by the Code Commissioners, who are better judges of the necessity of the provision."*[6].

Ir-reat ta' *ragion fattasi* gie inlkuz fil-kodici penali tas-sena 1854[7] bhala artikolu 77[8] li provvda is-segwenti:-

*"Chiunque, senza oggetto di furto o di recare danno per ingiuria, ma solamente per l"esercizio di un preteso diritto, di propria autorità, costringesse altri al pagamento di un debito, od alla soddisfazione di una obbligazione qualunque, o disturbasse un altrui possesso, demolisse fabbricati, deviasse acque o ne prendesse possesso o in altra maniera illegalmente s"ingerisse nella proprietà di un altro, sarà punito colla prigionìa da uno a tre mesi. Sarà però in arbitrio della Corte di sostituire alla pena suddetta la multa".*

In segwitu dan l-artikolu 77 gie ri-enumerat u llum huwa appuntu l-artikolu 85 dak in dezamina. Il-problema li segwiet kienet wahda fejn l-kawza ta' din ix-xorta kienet qed tigi sospiza sakemm ikun hemm esitu ta' tal-kawza civili li tkun pendenti bejn l-akkuzat u l-parte civile fuq l-istess materja. Fil-fatt dan kien maghruf bhala 'sopra sessjoni'. Tant

---

[3] Italian Penal Code, Article 392.

[4] Italian Penal Code, Article 393.

[5] Rapport ta' A Jameson dwar T*he proposed Code of Criminal Laws for the Island of Malta and its Dependencies,* (1843) 99.

[6] Ibid. 99.

[7] Leggi Criminali per l"Isola di Malta e Sue Dipendenze promulgated by Order in Council on 10th March 1854

[8] Minbarra t-tibdil fil-lingwa, artikolu 77 huwa trasmess fis-subartikolu 1 tal-artikolu 85

hu hekk li fil-kawza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v. Mario Camilleri</u>**[9], il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta Gudikatura Kriminali iddecidiet li tiddiferixxi il-kawza kriminli *sine die* sakemm ikun hemm decizjoni mill-Qrati Civili. L-Avukat Generali kien appella minn din is-sentenza u din il-Qorti diversament presduta gustament irrilevat li-

*F'dan il-każ bir-rispett kollu din il-Qorti ma tifhimx kif il-eżitu tal-kawża ċivili tista' taffettwa l-eżitu ta' din il-kawża għaliex f'din si tratta ta' ragion fattasi li hu kunċett differenti minn dak ta' spoll fid-dritt ċivili. Dana s'intendi ferm u indubitat il-prinċipju notorju li l-azzjoni kriminali hija separata u distinta minn dik ċivili u li t-tnejn jitmexxew indipendentement minn xulxin.*[10]

F'Jannar, 2005 kien hemm White Paper imsejha "*Towards a better and more Expeditious Administration of Justice*"[11] u din indirizzat din il-materja u stqarret li "*This area requires a proper study and it does not appear that one should shun any change that reduces delays, merely because it is only applicable to a restricted number of cases*".

Is-**sub inciz (2) tal-artikolu 85** jipprovdi li f'dawk il-kazijiet fejn persuna giet spoljata, l-Qorti ghandha tapplika l-artikolu 377 sabiex b'hekk dak li jkun jigi ripristinat fil-godiment tal-proprjeta' tieghu fi zmien qasir.

L-intenzjoni tal-legislatur kienet wahda u cioe' li jirrikoncilja z-zewg proceduri ta' *ragion fattasi* u l-actio spolii, suggett ghar-regola li l-azzjoni penali u l-azzjoni civili ghandhom jinzammu separati[12]. Minkejja li hu ta twemmin komuni li "il Magistrato

---

[9] Volume LXXI, part V, p 862, 31st July 1987, Court of Criminal Appeal (Inferior), Onor. Imhallef C. A. Agius.

[10] F'dan il-każ il-Qorti ma tistax tifhem kif l-eżitu tal-azzjoni ċivili jista' jaffettwa r-riżultat ta' din l-azzjoni li tittratta *ragion fattasi*, li huwa kunċett totalment differenti minn dak tal-*actio spolii* misjub fil-Kodiċi Ċivili. Dan huwa soġġett sew għall-prinċipju stabbilit li l-azzjoni Kriminali hija separata u distinta mill-azzjoni Ċivili u li ż-żewġ azzjonijiet jitwettqu b'mod indipendenti minn xulxin.

[11] Ministeru tal-gustizzja u intern, *Towards a Better and More Expeditious Administration of Justice*, (January 2005) 54.

[12] Dibattiti Parlamentari, Sessjoni Nru: 88 (Stadju ta' Kumitat), 25ta' Lulju, 2006.

civile *restituit in integrum*, ed il Magistrato penale punisce"[13]

Ghalhekk l-artikolu 85 gie emendat bl-att XVI tas-sena 2006 fejn illum hemm is-sub atikolu 2 li jipprovi is-segwenti.

*"(2) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 377(5) japplikaw f'kull każta' sejbien ta' ħtija taħt is-subartikolu (1) u meta l-għemil tal-ħatijkun irriżulta filli persuna oħra tbati spoll il-qorti għandha tapplikad-dispożizzjonijiet ta' dak is-subartikolu sabiex tassigura li l-persuna li batiet l-ispoll titqiegħed għal kollox fl-istat ta' qabel mabatiet l-ispoll".*

Illum l-azzjoni odjerna ghalhekk hija wahda penali ghandha effett civili ukoll ghaliex il-Qorti tista' tordna lill-hati inehhi l-inkonvenjent li qed jigi kkawzat lill-kwerelant.

Ghalhekk dan kollu iwassalna sabiex l-Qorti tispjega f'iktar dettal f'hiex jikkonsiti r-reat ta' *ragion fattasi*. Ir-reat ta' *ragion fattasi* jikkonsisti f'persuna li minghajr l-intenzjoni li jisraq jew li jikkawza hsarat, izda fl-ezercizzju ta' dritt li jippretendi li ghandu, b'mod arbitrarju, jenforza dan id-dritt, hekk imsejjah arbitrarju, kif komunement mgharuf li 'jiehu il-ligi b'idejh.'

L-**artikolu 85 tal-Kap 9** jipprovdi is-segwenti:-

*"Kull min, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontral-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, iġiegħel,bl-awtorità tiegħu nnifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jesegwixxiobbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta'ħwejġu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jieħu l-ilmagħalih, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati…….."*

**Carrara** jiddefinixxi dan ir-reat bhala:-

*"La ragion fattasi è il delitto di chiunque credendo di aver un diritto sopra cosa nell"altrui*

---

[13] Avv. L Masucci, *Lo spoglio nei suoi rapporti simultanei con l'azione possessoria di reintegra e col reato di ragion fattasi*, (Dottor Leonardo Vallardi, Roma 1883) 13

*possesso, o sopra altro individuo lo esercita malgrado la opposizione vera o presunta di questo, pel fine di sostituire la sua forza privata all''autorità pubblica, senza per altro eccedere in violazioni speciali di altri diritti"*[14].

Din id-definizzjoni tindika li hemm zewg ingredjenti ghall-esistenza ta dan ir-rat u cioe:-

1. Id-dritt pretiz u
2. Il-possibilita li dak li jkun ikollu rikors ghal xi awtorita kompetnenti.

**Id-dritt pretiz – Ir-*ragion fattasi***

Hemm diversi hsiebijiet dwar dan ir-reat; l-awtur **Alessandro Stoppato**[15] jippuntwalizza zewg fatturi essenzjali li ghandhom jissusistu fid-dritt pretiz. Jemmen li ghandu jkun hemm l-esistenza ta ' "*fumus boni juris*" minn l-agent u ghandu jkun hemm il-bona fede meta ser issir l-evalwazzjoni jekk tali dritt jezistix jew le.

Mil-banda l-ohra **Mazzanti**[16] jispjega li ir- reat ta' *ragion fattasi* jissusti anke meta id-dritt pretiz in realta' mhux vera jesisti. Isostni, li sakemm l-agent ghandu ragonevolment jemmen li ghandu dritt, ir-reat ta' *ragion fattasi* jesisti . Din it-teorija giet abbraccjata minn **Bartolomeo Romano** u f'numru kbir ta' sentenzi Taljani[17]. Fil-kitba tieghu, **Bartolomeo Romano** jipprovdi li:-

*"Per la sussistenza del reato di esercizio arbitrario delle proprie ragioni non è necessario che il diritto oggetto dell''illegittima tutela privata sia realmente esistente, essendo sufficiente che*

[14] F Carrara, *Programma del Corso di Diritto Criminale*, Volume V- Parte Speciale, (7th edn Libreria Fratelli Cammelli Editori, Prato 1899) 535.

[15] A Stoppato, *L'Esercizio Arbitrario delle Proprie Ragioni: studio di diritto penale*, (1896) 151.

[16] M Mazzanti, *Esercizio Arbitrario delle Proprie Ragioni*, in Enc. Dir., Vol XV (Giuffrè, Milano 1966) 616, referred in B. Romano, *Delitti contro l'Amministrazione della Giustizia*, (4th edn Cedam, Padova 2009) 383.

[17] Cass. Pen. Sez. VI, 6th April 1998, Cass. Pen. Sez. II, 27th February 1997

*l"autore agisca nella ragionevole opinione di difendere un suo diritto"*[18].

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Carmen Grech**[19], il-kaz kien jikkoncerna propjeta' li kienet tapparatjeni lill-omm l-akkuzata, liema propjeta' kienet fil-fatt qed tintuza bhala r-residenza matrimonjali tal-akkuzata u zewgha. L-akkuzata hasbet li kellha dritt fuq tali dar u zammet ic-cwievet ta' din id-dar li proprjament kienet ta' zewgha u l-Qorti rriteniet li:-

*"… proprjament la l-appellanti w lanqas il-parti leża ma kellhom xi dritt ta' permanenza fl-okkupazioni tal-istess dar.*

*B'dana kollu jidher illi l-appellanti ħadet il-liġi f'idejha meta ddeċidiet illi tieħu, kif ammettiet li għamlet, iċ-ċwievet tal-parte ċivile w tgħidlu li hemmhekk mhux se jidħol iktar."*

Dan qed jinghad ghaliex m'huwiex necessarju li jkun hemm l-esistenza attwali ta' dritt, huwa bizejjed li d-dritt ikun wiehed pretiz u li kieku l-agent isegwi t-twemmin tieghu b'kawza civili. L-artikolu 85 jipprotegi l-*istatus quo* kontra min jiehu il-ligi b'idejh kif jispjega **Salvatore Ardizzone:-**

*"È indifferente l"accertamento della effettiva titolarità del diritto perché, ai fini dell"esistenza del <<preteso diritto>>, ciò che conta è che si riscontri una opinione del diritto nel soggetto che agisce"*[20].

Dritt petiz jista' jkun ibbazat fuq dritt reali (ownership, co-ownership, use, habitation, ecc.) kif gara fil-kaz ta **Il-Pulizija v. George Zahra**[21]. F'dan il-kaz l-akkuzat kien kera fond lil xi koppja. Kien ircieva c-cwievet tal-fond minghand wiehed mill-inkwlini meta l-fond kien ghadu qed jigi okkupat mill-inkwilin l-iehor. Erbat ijiem wara, Zahra mar u

[18] B Romano, *Delitti contro l'Amministrazione della Giustizia*, (4th edn Cedam, Padova 2009) 383

[19] Appell Kriminali Nru: 394/2009, 10 ta' Dicembru, 2009, Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Onor. Imhallef J Galea Debono, irreferi wkoll ghall-Il-Pulizija v. Emanuel Muscat *et*, Vol. LXXX, parti 4, p. 289, 30 ta' Settembru, 1996, Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Onor. Imhallef V. Caruana Colombo.

[20] S Ardizzone, *I Delitti di Esercizio Arbitrario delle Proprie Ragioni*, (Giuffrè Editore, Milano 1975) 86

[21] Vol. XLII E, parti IV, p 1453, 16 ta' Lulju 1958, Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Onor. Imhallef J. Flores

rema l-hwejjeg tal-inkwlini l-iehor li kien ghadu qed jokkupa l-fond. Zahra, li minkejja li kien sid il-fond ma kellu l-ebda dritt il jiehu l-ligi b'idejh. Jekk yppretenda li kellu dritt sbiex jizgonbra l-inkwilin, messu applika lill-Qorti komptenti. F'dan il-kaz Zahra kien intab hati tar-reat prospettat ta' *ragion fattasi*. Dan qed jinghad peress li l-avukat difensur tal-appellant donnu ried ifisser fit-trattazzjoni tieghu li dak li jkun li qed jiprospetta ksur ta' dan ir-reat irid ikollu xi tip ta' titolu fuq il-propjeta' fejn qed jallega li gie spussessat. Hawnhekk l-appellant bir-rispsett kollu hu zbaljat; semplici pusess anke mera detenzjoni hu bizzejjed.

**Il-Possibilta' li dak li jkun jista jirrikorri lejn il-Qorti.**

Kull persuna ghandha dritt li tirrikorri lejn il-Qorti jekk trid taccerta dritt pretiz taghha fuq oggett kemm jekk hu mobbli kif ukoll immobbli. Il-**Professur Mamo**[22] jargumenta li r-rikors huwa rikjest sabiex l-paci pubblika u s-saltna tad-dritt tigi mantenuta. **Crivellari** huwa ta' l-istess fehma u jipprovdi li meta persuna:-

*"…si fa ragione da sè, usurpa con ciò quell"ufficio che solo appartiene alla pubblica Autorità, mette in pericolo la pubblica tranquillità, occasionando quegli inconvenienti gravissimi che ordinariamente produce la giustizia privata posta in mano di chi, difendendo la causa propria, può essere prevenuto, illudersi e farsi trasportare fuori di strada dal proprio interesse"*[23].

Skond dan l-awtur, li persuna ghandha jkollha rikors lejn Qorti, ghandu jinftiehem bhala l-possibilita' li jkollha it-talba taghha promossa quddiem Qorti, ghalhekk il-possibilta' li ikollha gudizzju favorevoli dwar il-kawza taghha. **Nuvolone[24]** jasserixxi li ma hemmx bzonn li jkun hem ic-certezza assoluta li tali dritt pretiz ghandu jigi accettat mill-Qorti. Pero' huwa importanti li meta talba tigi proposta, tali talba m'ghandhiex

---

[22] Professor Sir A. J. Mamo, *Notes on Criminal Law*, Volume II, (Għsl Publications) 30

[23] G Crivellari continued by Adv. G Suman, *Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato sulla scorta della dottrina, delle fonti, della legislazione comparata e della giurisprudenza*, Volume 6, (Utet, Torino 1895) 748.

[24] P Nuvolone, *Il Possesso nel Diritto Penale*, (Milano 1942) 259

tkun  wahda frivola u vessatorja a priori.

**Ir-reat ta' *ragion fattasi* kif previst fil-ligi nostrana taghna illum**

Sa mis-sena 1872 fl-'*Annotazioni alle Leggi Criminali'*[25] **Giuseppe Falzon** kien gia addotta l-erbgha elementi kostituttivi ghall-esistenza ta' dan ir-reat li kienu gew mehuda mit-tghalim tal-gurista eminenti **Francesco Carrara**. Dawn kienu s-segwenti:-

1. *Un atto esterno che spogli altri di un bene che gode, e sia eseguito contro la opposizione o espressa o presunta di questo;*

2. *Credenza di far quest''atto in esercizio di un diritto;*

3. *Coscienza di fare di privato braccio quello che dovrebbe farsi per autorità di magistrati;*

4. *Mancanza di titolo più grave*[26].

Dawn l-elementi gew adottati f'kull kaz ta' *ragion fattasi* u whud minn dawn is-sentenzi huma s-segwenti u cioe **<u>Il-Pulizija v. Giuseppe Bonavia et</u>**[27], **<u>Il-Pulizija v. Salvatore Farrugia</u>**[28] u **<u>Il-Pulizija v. Professor Henry Frendo</u>**.[29] F'dawn is-sentenzi kollha intqal li, biex jikkonfigura ruħu ir-reat ta'' *ragion fattasi* jridu jikkonkorru dawn l-erbgha elementi. Ghalhekk huwa l-obbligu tal- proskeuzzjoni li tipprova dawn l-erbgha elementi biex tipprova ir- reat migjub kontra l-akkuzzat sabiex jinstab hati.

**L-att estern**

Il-prosekuzzjoni trid tipprova l-att estern u cioe' " *the physical or external component… the*

---

[25] G Falzon, *Annotazioni able Leggi Criminali*, (Malta 1872) 122

[26] F Carrara, *Programma del Corso di Diritto Criminale*, Volume V-Parte Speciale, (7th edn Libreria Fratelli Cammelli Editori, Prato 1899) 536.

[27] Vol. XXXII F, parti IV, p 768, 14 ta' Ottubru 1944, Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Onor. Imhallef W. Harding

[28] Vol. XLI F, parti IV, p 1506, 14 ta' Dicembru 1957, Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Onor. Imhallef W. Harding

[29] Appell Kriminali Nru: 210/2004, 19th August 2005, Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Onor. Prim' Imhallef Emeritus V. De Gaetano

*harmful or blameworthy conduct which the law seeks to prevent*".[30]

L-att jikkonsisti filli "*bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontral-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, iġiegħel,bl-awtorità tiegħu nnifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jesegwixxiobbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta'ħwejġu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jieħu l-ilmagħalih, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor*"[31]

Jigi rilevat li ghad-differenza ghall-ligi Taljana, dan ir -reat isehh meta dak li jkun agixxa seta talab  rikors lill-Qorti qabel ma ghamel dak li ghamel, filwaqt li fis-sitema Taljana, dak li jkun kellu juza vjolenza sabiex jottjeni d-dritt pretiz li allegatament ghandu.

**In-nuqqas tat-tgawdija tal-oggett.**

Sabiex dan l-element jissussisti, l-att estern ghandu jkun dirett biex jostakola lil dik il-persuna mit-tgawdija attwali tal-haga kemm jekk hi mobbli kif ukoll immobli. Dan il-principju gie imhaddan fis-sentenza fl-ismijet **Il-Pulizija v. Eileen Said**[32]. Il-Qorti tal-Appell diversament preseduta rriteniet li "*l-element materjali jikkonsisti filli wieħed jippriva persuna oħra minn xi dritt fuq ħaġa li għandu d-dgawdija tagħha*"[33]

L-argument li jsegwi huwa x'ghandu jinftiehem bil-kelma 'tgawdija'. Id-dizzjunarju *Black's Law Dictionary* jiddiefinixxi il-kelma '*enjoyment*' bhala " *as having the possession and the use of a right or thing, movable or immovable*".[34]

**Il-Pusess**

---

[30] H Jones & M G A Christie, *Criminal Law*, (3rd Edition, W Green & Son Limited, Edinburgh 2003) 49.

[31] Artikolu 85 tal kap 9 tal-ligjiet ta Malta.

[32] Appell Kriminali Nru: 37/2002, 19 ta' Gunju 2002, Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Onor. Imhallef J. Galea Debono

[33] Vide anke Il-Pulizija v. John Pullicino, Appell Kriminali Nru: 243/2009, 16 ta' Novembru, 2009, Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Onor. Imhallef J. Galea Debono, Il-Pulizija v. Francis Sammut, Appell Kriminali Nru: 48/2009, 14 ta' Mejju 2009, Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Onor. Imhallef J. Galea Debono.

[34] B A Garner, Black"s Law Dictionary, (8th Edition Thomson West, USA 2004) 571

Dan l-artikolu jipprotegi l-pusess tal-haga u mhux necessarjament il-proprjeta' per se. In fatti fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v. Joseph Bianco</u>**[35], il-Qorti tal-Magistrati tenniet li:-

*"Il-prosekuzzjoni esebiet diversi kuntratti sabiex tipprova it-titolu ta" din l-għalqa u l-Qorti tirrileva li ai fini ta" dan ir-reat m"hemmx lok li jiġi ippruvat it-titolu; huwa neċessarju biss li l-prosekuzzjoni tipprova l-pussess u li tali pussess ġie mfixkel b"azzjoni ta" terzi sabiex b"hekk il-possessur ma setgħax igawdi l-pussess liberu tal-oġġett"*

Ghalhekk ai fini ta' dan ir-reat u cioe dan ta' *ragion fattasi* il-pussess materjali jew detenzjoni huwa sufficjenti. Dan gie rikonoxxut fis-sentenza fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija v. Mario Bezzina</u>**[36] u **<u>Il-Pulizija v. John Cassar et</u>**[37]. Fl-ewwel sentenza, din il- Qorti diversament preeseduta rriteniet li:

*"Għall-finijiet tar-reat ta" ragion fattasi "il-pussess materjali, jew detenzjoni, hu suffiċjenti għall-avverament tal-ipotesi tal-liġi" (ara appell* ***<u>kriminali Il-Pulizija v. George Zahra</u>***[38]*,). Min ikollu oġġett misluf lilu għat-tgawdija tiegħu għandu il-pussess materjali ta" dak l-oġġett. Taħt l-artiklu 85 tal-Kodiċi Kriminali ma hemm ebda bżonn li jiġi pruvat xi element ta" pussess aktar sostanzjali minn hekk"*[39]

**L-opposizzjoni tacita jew espressa.**

Sabiex dan l-element ikun komplut hemm bzonn li jkun hemm l- opozizzjoni tacita jew espressa tal-persuna l-ohra. L-agent irid ikun jaf li dik il-persuna ghandha t-tgawdija ta' dak id-dritt u li dik il-persuna qed topponi espressament jew tipprezumi li ser topponi

---

[35] Nru: 684/2006, 5 ta' Marzu, 2010, Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Magistrat C. P. Scerri Herrera

[36] Appell Kriminali Nru: 42/2004, 26 ta' Mejju 2004, Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Onor. Imhallef D. Scicluna

[37] Appell Kriminali Nru: 128/2006, 24 ta' Jannar 2007, Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Onor. Imhallef G. Caruana Demajo.

[38] Deciza nhar is- *16 ta" Lulju 1958- Vol XLII.iv. 1453*

ghat- tnehhija ta' dak id-dritt. Din l-opposizjoni hija rikjesta *sine qua non*.

**It- twemmin da parti tal- agent li qed jagixxi in konsegwenza ta' xi dritt.**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appel Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Eileen Said**[40] inghad li:-

*"Illi kif ġie ritenut, element importanti kostituttiv ta" dar-reat hu dak intenzjonali, fis-sens li l-aġir ta" dak li jkun jrid ikun magħmul bil-ħsieb li hu qed jeżerċita dritt li jaħseb li għandu għad-distinzjoni mir-reati ta" serq jew danni volontarji fuq proprjeta" ta" ħaddieħor per eżempju. Għalhekk hemm bżonn li ssir indaġni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkummettiet dan ir-reat biex tagħmel dak li għamle .tGħalhekk hemm bżonn li ssir indaġni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkummettiet dan ir-reat biex tagħmel dak li għamlet. Dwar x'tip a intensjoni irid ikollu l-akkuzat jinghad b'refrerena ghas sentenza f-l-ismijiet **Il-Pulizija v. Mario Lungaro**[41]1„ hu rrilevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bħala intenzjoni speċifika jew intenzjoni ġenerika".*

Jigi enfasizzat li meta qed nitkelmu fuq ir- reat ta' *ragion fattasi*, mhux qed nghidu biss li huwa reat li jusurpa l-bniedem mid-dritt tat-tgawdija tieghu fuq propjeta' izda r-reat huwa reat kontra l-ammnistrazioni tal-gustizza fejn il "*…criminosità consiste nello animo di sostituire l'autorità mia all'autorità del giudice, che avrei dovuto invocare perchè desse sanzione al mio diritto.*"[42]

**Il-kuxjenza tal-agent li dak li ghamel ghamlu b'esercizzju ta' dritt.**

---

[40] Appell Kriminali Nru: 37/2002, 19 ta' Gunju 2002, Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Onor. Imhallef J. Galea Debono

[41] Vol. LXXX, part. IV, p 312, 15 ta' Novembru 1996, Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri), Onor. Prim' Imhallef Emeritus V. De Gaetano.

[42] Carrara, *Programma del Corso di Diritto Criminale*, Volume V - Parte Speciale, (7th edn Libreria Fratelli Cammelli Editori, Prato 1899) 541.

Sabiex jirrizutla r-reat ta' *ragion fattasi*, l-intenzjoni sabiex jigi ezercitat dritt pretiz ghandu jkun akkompanjat bl-intenzjoni li dak li ghamel ghamlu billi agixxa bla ma ghamel rikors lejn l'awtorita Pubblika. Minkejja li l-kelma 'intenzjonalment' ma tinsabx fil-kliem tal-ligi, m'hemmx dubju li jrid ikun hemm tali nteznjoni ghall-esistenza ta' dan ir-reat.

Ghalhekk wara li din il-Qorti ghamlet ezami tal-erbgha elementi rikjesti ghall-ezistenza ta' dan ir-reat huwa car u manifest li l-erbgha elementi lkoll flimkien ghandhom jirrizultaw sabiex ikun hemm sejba ta' htija. La l-ewwel Qorti ghamlet paragun bejn is-sistema legali Maltija u dik Taljana din il-Qorti hasset il-htiega li tistabilixxi d-differenza lampanti bejn iz-zewg sistemi. Fil-waqt li fl-"*esercizio arbitrario delle proprie ragioni*" hemm bzonn l-uzu ta' vjolenza u theddid bhala elementi essenzjali, l-element intenzjonali u l-elementi l-ohra fil-ligi Taljana huma simili hafna ghal dawk fis-sistema nostrana.

Dan kollu jgibna ghal-kaz in desamina.

**Il-fatti fil-qosor**

In breve jirrizulta mill-atti u ma jidhirx li dan hu kontestat, li l-appellant u hutu kienu wirtu minghand missierhom, il-kirja moghtija lilu mill-Knisja, fuq art f'Hal Luqa. Dan il-fatt hu kkonfermat mix-xhud Martin Bajada a fol. 19 tal-process. Illi in segwitu, l-hlas tal-kirja beda jsir lil Joint Office u ghal-zmien twil hadmuha flimkien. Gara li aktar tard huma bdew jippermettu lill-parte civile Victor Caruana, kif del resto hu ammess mill-appellant stess fir-rikors tal-appell tal-appellant, sabiex jaghamel uzu minn xi kamra li kien hemm f'din ir-raba' ghall-msitrieh tieghu u dan bi pjacir taghhom b'mera tolleranza. Pero', oltre dan, kif jistqarr Martin Bajada, l-kwerelant kien gie rikonoxxut mid-dipartiment tal-Agrikoltura li kien qed jahdem din l-art u dan ghal perjodu twil ta' bejn l-1980 sa l-1997 zgur. Martin Bajada kkonferma fix-xhieda tieghu, li l-art in kontestazzjoni kienet qed tinhadem ghalkemm ma setghax jikkonferma minn min kienet qed tinhadem. Pero' jghid li zgur hija parti mir-raba li kienet tghajjat

originarjament lil missier l-appellant Goma Caruana, certu Guseppi Caruana.

Victor Caruana xehed u kkonferma li kien jahdem l-art u li sahansitra anke kien idahhal xi nies bit-tractor bix jahratha. Jghid li tikkonsisti f'zewgt itmiem. Qal li kien ikollu qamh, gdur u xi naqra basal tad-dilettanti. Qal li darba minnhom u cioe' f'Novembru 2014 mar fl-ghalqa in kwisjtoni u sabha mahruta u ghalhekk mar jirraporta l-kaz lill-pulizija ta' Hal Luqa kif kkonfermat fl-okkorrenza esebita fl-atti a *fol. 14*. Stqar li llum fl-ghalqa li huwa kellu fil-pusess tieghu hemm mil-qamh mizrugh izda mhux minnu. Ikkonferma ukoll li fil-parti fejn kien jahrat hu sab li kien hemm xi sitt vjaggi hamrija.

Rat ukoll l-ittra datta 8 ta Novembru 2012 mahruga mill Lands department (a fol. 96), indirizzata lill Ispettur Frans Micallef fejn gie kkonfermat li l-Lands qed jirrikonoxxu lil kwerelanti bhala inkwilin tal-art mertu tal-kawza.

Illi ghalhekk mill-provi prodotti li ma gewx kontradetti mill-appellant, li ghazel li ma jixhidx, jirrizulta li l-kwerelant tajjeb jew hazin kellu l-pusses tal-art anke addirittura b'titolu ta' kera minghand il-Lands. Jirrizulta skont ix-xhieda tal-kwerelanti li l-appellant Salvu Caruana pogga sitt trakkijiet hamrija fl-ghalqa li kellu fil-pusess tieghu ad insaputa tieghu u minghajr il-permess tieghu u li sahansitra anke harat din l-art tant li meta xehed l-kwerelant kien hemm mizrugh il-qamh.

Illi ghalhekk zgur li jirrizutla li l-appellant qabad u zera u harat l-art li kienet fil-pusess tal-kwerelant ghaliex haseb li kellu dritt li jghamel dan ghaliex kien qed isostni li t-titolu tal-kwerelant ma kienx wiehed legali. Cio nonostante pero' minflok ma qabad u rraporta l-kaz lill-awtorita' u fittex l-Qorti, qabad u harat l-art minghajr, jew ahjar kontra, l-kunsens esplicitu tal-appellant.

Illi ghalhekk invista tas-suespost l-appell ghandu jigi michud.

Dwar it-talba msemmija fis-sentenza tal-Ewwel Qorti u cioe' li l-appellant ghandu fi zmien xahar mid-data tas-sentenza iqieghed kollox fl-istess stat li kien qabel ma l-

kwerealant bata l-ispoll a spejjez tieghu, jinghad li l-Qorti ma setghetx tapplika l-provdiment tal-artikolu 377(5) tal-Kap 9. Dan ghaliex il-prosekuzzjoni ma pprezentat l-ebda rikors b'talba simili, izda din l-Qorti tiddikjara li ghandha tapplika l-artikolu 377(3) tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta.

Ghalhekk din il-Qorti filwaqt li tikkonferma is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fejn sabet lill-appelalnt hati tal-akkuza ta' *ragion fattasi* u lliberatu taht il-kondizzjoni li ma jghamilx reat iehor ghall-perijodu ta' xahrejn mid-data tas-sentenza, ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda tirriformha f'dik il-parti fejn applikat l-artikolu 377(5) tal-Kap 9 sabeix inehhi l-izgombru u minflokk tapplika s-subinciz (3) tal-artikolu 377 tal-Kap 9, sabiex b'hekk fi zmien xahar m'illum inehhi is-6 trakkijiet hamrija li huwa pogga fl-ghalqa okkupata mill-kwerelant.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur